MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Numru 1136/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Martin Sammut)**
**vs**
**Nedra Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Nedra Micallef** ta’ 26 sena, bint Raymond Micallef u Vincenza nee’ Briffa, mwielda fl-20 t’April, 1980, residenti ‘Paolo Pace Appartments’, 45 Flt 4, Triq San Guzepp, Valletta jew ‘St. John’ Flt 7, Triq Testaferrata, Msida u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 212980(M);

1. Talli fl-14 ta’ Settembru, 2006, ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar [13:00hrs] gewwa Triq il-Knisja, San Giljan, ikkommettejt serq ta’ Lm35 fi flus kontanti, telefon tal-marka Nokia u oggetti ohra ghall-ammont

komplessiv ta' mhux aktar minn mitt lira Maltija [Lm100], minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBI-601 tal-ghamla Toyota, ghad-dannu ta' Renald Vella, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur ta' Artikolu 271, ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli nhar is-17 ta' Settembru, 2006, f'xi hin bejn is-sitta u nofs [18:30hrs] u s-sebgha neqsin kwart [18:45hrs] ta' wara nofsinhar minn gewwa l-kumpless Baystreet ta' Triq Santu Wistin, San Giljan, ikkommettejt serq ta' zewg telefons tal-marka Nokia, flus kontanti u oggetti ohra ghall-ammont komplessiv ta' mhux aktar minn mitejn lira Maltin [Lm200], izda aktar minn mitt lira Maltin [Lm100], ghad-dannu ta' Sabrina Borg u Erica Scicluna, liema serq huwa aggravat bil-valur, u dan bi ksur ta' Artikolu 267 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputata ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata, u stante l-ammissjoni l-akkuza tirrizulta pruvata.

Rat l-artikoli 284, 285, 261 (c), 267, 279 (a) tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputata.

Wara li staqsiet lill-imputata jekk kienitx disposta li toqghod taht kundizzjoni jekk tkun liberata, u hija wiegbet fl-affermattiv.

Tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-art 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputata naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------